6 ta' Mejju, 1952.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Antonia Mizzi *versus* Stanley Chapman et.

**Paternità Illeġittima — Patria Potestà — Tutela Legali — Rinunzja — Tfal — Art. 99, 100, 103 u 108 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-vinkolu naturali li junixxi t-tfal illeġittimi ma' l-awturi tagħhom b'mod ġuridikament effikaċi jitnissel mir-rikonoxximent, li jista' jsir fl-att tat-twelid jew fl-attijiet l-oħra msemmijin fil-liġi; u dan il-vinkolu jvarja fl-effikaċja tiegħu skond jekk ir-rikonoxximent ikunx volontarju jew furzat.*

*Il-ġenitur li jkun irrikonoxxa lit-tifel illeġittimu għandu dwaru t-tutela legali, li, bħal patria potestà, ma tistax tiġi aljenata jew ċeduta. U għalhekk l-omm, li għandha t-tutela legali fuq bintha naturali, għandha d-dritt tirrikjamaha minn għand persuni oħra li għandhom tkun tinsab, avvolja tkun fdatha għandhom hija stess; u ma jistax jiġi ritenut li hija tilfet dak id-dritt għax irrinunzjat għat-tutela legali tagħha fuq dik bintha.*

*Il-vantaġġ tat-tfal ma jikkonsistix fil-benessere materjali biss, imma anki f'dak morali, li huwa ta' natura delikatu ħafna, u l-isfera tiegħu hija, biex wieħed jgħid hekk, skonfinata. U l-vantaġġ tat-tfal illeġittimi jrid jiġi rigwardat fl-isfond tad-drittijiet li jitnisslu mit-tutela legali favur il-ġenitur jew il-ġenituri li jkunu rrikonoxxewhom.*

Il-Qorti, — Rat it-talba ta' l-attriċi li, wara li ppremettiet li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi l-attriċi, fl-ewwel ġimgħa ta' Frar 1950 ikkonsenjat, taħt ċirkustanzi għaliha doloruzi, lil bintha Teresa Mizzi, li twieldet "ex ignoto patre" fit-13 ta' Jannar 1950, lill-konvenuti in kustodja; u billi l-imsemmija konjuġi Chapman qegħdin jirrifjutaw li jikkonsenjaw lill-istess attriċi 'l fuq imsemmija tarbija Teresa Mizzi, bintha; u peress li fuq analoga domanda avanzata mill-attriċi b'ċitazzjoni numru 447 ta' l-1950, dina l-Qorti, b'sentenza tad-9 ta' Mejju 1950, ikkundannat lill-konvenuti biex jikkonsenjaw lill-attriċi t-tifla Teresa Mizzi fi żmien 24 siegħa, bil-provvedimenti kontemplati fl-istess sentenza; u peress in pendenza ta' l-appell interpost mill-konvenuti avverso s-sentenza fuq imsemmija l-attriċi, indotta minn biża u dolo a dannu tagħha inkuss u adoperat, irrinunzjat għall-atti tal-kawża b'nota preżentata quddiem il-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Ġunju 1950; u d-dikjarazzjoni, jekk ikun hemm bżonn, illi l-istess rinunzja da parti ta' l-attriċi hija nulla u ma ppreġudikatx id-drittijiet tagħha, bħala li ġiet kaġunata b'dolo u b'biża', u kellha bħala oġġett dritt li mhuwiex rinunzjabili; jiġu kundannati li jikkonsenjaw lill-attriċi, f'terminu qasir u perentorju, 'il fuq imsemmija tarbija Teresa Mizzi bintha. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' April 1951, dwar l-eċċezzjoni tan-nullità fuq imsemmija, minn fejn jidher

li ġie deċiż u dikjarat li d-dikjarazzjoni migjuba mill-konvenuti man-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom hija irregolari l-għaliex nieqsa mill-elementi voluti mil-liġi, u konsegwentement tat lill-istess konvenuti erbat ijiem żmien biex huma jissostitwuha b'oħra...........;

*Omissis;*

Rat l-astensjoni ta' l-Illustrissimu Sur Imħallef Dr. Joseph *Caruana Colombo*, tat-30 ta' Novembru 1951;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Mill-attijiet tal-kawża jirriżulta li *l-azzjoni ta' l-attriċi* hija intiża għar-ritorn tat-tifla tagħha, li l-istess attriċi kienet ikkunsinnat in kustodja lill-konvenuti, u li, kif jinstab premess fl-att taċ-ċitazzjoni, dawn l-aħħar imsemmija qegħdin jirrifjutaw li jikkunsinnaw lura. Jidher ukoll mill-kontest ta' l-istess att taċ-ċitazzjoni li l-attriċi kienet, dwar it-tmexxija tal-kawża odjerna, preokkupata mir-rinunzja tat-12 ta' Ġunju 1950 hemm imsemmija (u mhux ġà mid-deċiżjoni), u li tagħha għalhekk talbet id-dikjarazzjoni tan-nullità, jekk ikun hemm bżonn, bħala li qiegħda ssostni li l-oġġett tad-dritt tagħha huwa per sè inaljenabili;

Fuq dana l-pont jista' jingħad li jekk huwa minnu li l-patria potestà toħloq drittijiet u dmirijiet tal-missier versu l-persuna u l-beni tat-tifel leġittimu, u dawn id-drittijiet fl-essenza tagħhom huma fermi u inaljenabili, u kwindi ma jistgħux jiġu ċeduti jew aljenati, salv dak li hemm maħsub fl-art. 149 tal-Kodiċi Ċivili (ara L. 23 Dig. De Adopt., Institutiones II-31 §11, u L. 8 Dig. De Regulis Juris, u art. 1282 Kodiċi Ċivili Kap. 23, u Planiol u Ripert, Traité Pratique de Droit Civile Francais, Tome I. para. 340, pag. 394), mill-banda l-oħra l-vinkolu naturali li junixxi l-illeġittimi ma' l-awturi tagħhom b'mod ġuridikament effikaċi jitnissel minn rikonoxximent li jista' jsir fl-att tat-twelid jew l-attijiet l-oħra msemmija fl-art. 100 tal-Kodiċi Ċivili; liema vinkolu jvarja fl-effikaċja tiegħu skond jekk ir-rikonoxximent ikunx volontarju jew furzat (ara art. 99 u 108 tal-Kodiċi Ċivili). Sakemm it-tifel illeġittimu jibqa' taħt l-età, il-ġenitur jew il-ġenituri li jkunu għarfuh ikollhom dwaru t-tutela legali (ara art. 103 tal-Kodiċi Ċivili); b'mod li sostanzjalment u virtwal-

ment, "mutatis mutandis", dik l-istess tutela hija s-surroga tal-patria potestà b'attribuzzjonijiet partikolarment speċifikati fil-liġi. Huwa minnu li t-tutela legali ma għandhiex tiġi konfuża mal-patria potestà, l-għaliex ma tabbraċċjax l-attribuzzjonijiet kollha tagħha, iżda biss dawk imsemmija fl-art. 103 tal-Kodiċi Ċivili; eppure l-istess hija, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, ta' l-istess natura, u kwindi ma tistax tiġi ċeduta jew aljenata. Minn dana kwindi, se maj, jitnissel, li t-tifla msemmija, li skond il-provi twieldet minn żewġ persuni allura liberi, u li ġiet fl-att tat-twelid rikonoxxuta mill-attriċi, hija suġġetta għat-tutela legali ta' ommha, u bħala tali l-attriċi għandha dritt titlobha lura. Dina l-Qorti ma jidhrilhiex li d-dikjarazzjoni mitluba hija meħtieġa, l-għaliex mill-kliem kif ġiet konċepita dik ir-rinunzja jidher ċar li allura l-attriċi kienet qiegħda tirrinunzja għall-effetti tas-sentenza mogħtija favur tagħha, u mhux ġa tirrinunzja irreparabilment għad-dritt li in forza tiegħu hija kienet eżerċitat dik l-azzjoni — dritt li, kif intqal fuq, huwa inaljenabili. Fi kliem ieħor, b'dik innota l-attriċi rrinunzjat għas-sentenza konfermanti d-dritt tagħha għar-revoka "ad nutum" fl-okkażjoni hemm imsemmija ta' l-eżerċizzju tad-dritt tagħha fuq bintha, li kienet iddelegat lill-konvenuti, u mhux ġà għad-dritt sostanzjali tagħha tat-tutela legali fuq l-istess tifla, li mhux aljenabili jew ċedibili. Minn dana jitnissel li dik ir-rinunzja ma setgħetx qatt tippreġudika d-dritt ta' l-attriċi għall-promozzjoni tal-kawża odjerna;

Illi, stabbilit dan li ntqal fuq, huwa dmir dina l-Qorti tgħid u taqta' jekk il-vantaġġ tat-tifla in kwistjoni jissuġġerix ir-ritorn tat-tifla lill-attriċi, li ddikjarat li hija tridha kollokata f'istitut;

Illi l-vantaġġ ma jikkonsistix fil-benesseri materjali biss, imma anki f'dak morali. Dan l-aħħar imsemmi huwa ta' natura delikata ħafna, u l-isfera tiegħu hija, biex ngħidu hekk, skonfinata. Dana l-vantaġġ tal-minuri illeġittimi, għalkemm huwa l-kawża determinanti, irid jiġi rigwardat però wkoll fl-isfond tad-drittijiet li jitnisslu mit-tutela legali favur il-ġenitur jew ġenituri li jkunu rrikonoxxew lill-istess minuri;

Illi, fuq l-iskorta ta' dawn il-prinċipji, dina l-Qorti, wara li ħasbet ħafna u għarblet kollox, waslet għall-konklużjoni li

l-konvenuti ma għandhom ebda raġuni valida biex jinnegaw *it-talba attriċi, għalkemm dina l-istess Qorti tapprezza ħafna* kemm huma għamlu mal-minuri msemmija mill-punto di vista umanitarju. Tabilħaqq, hemm diversi ostakoli għall-oppożizzjoni konvenuta, tant mill-punto di vista ta' l-ambjent, kemm mill-punto di vista legali. Fil-verità, il-konvenuti, li huma ta' reliġjon metodista, ma jistgħux ħlief irabbu t-tifla in kwistjoni f'dak l-ambjent, u l-influwenza ta' l-ambjent, ma hemmx bżonn jingħad, hija ta' importanza kbira. Huwa minnu li l-konvenuti ppromettew li jtellgħu lit-tifla fir-reliġjon tagħna *(dik tal-Knisja Kattolika)*, u *diġà qalu li huma niżżlu isimha* biex jħalluha f'kulleġġ Kattoliku fl-Ingilterra; imma, għalkemm dina l-Qorti ma għandhiex raġuni biex tiddubita mill-ġenwinità tal-wegħda tagħhom, eppure tħoss li l-ambjent akattoliku tad-dar tagħhom (fl-epoka tal-vaganzi partikolarment) jibqa' dejjem jeżisti bħala ostakolu, apparti li huma jistgħu 'l quddiem jirrivedu f'sens kuntrarju, kważi jista' jingħad impunement, il-promessa tagħhom. Mill-banda l-oħra, meta l-konvenuti jirritornaw f'pajjiżhom, it-tifla titlef il-kuntatt minn *ma' ommha, li hija l-protettriċi naturali tagħha mid-demm*, u d-drittijiet ta' l-ubbidjenza, residenza u oħrajn, imsemmija fil-liġi, jisfgħu fix-xejn, b'mod li l-omm naturali tiġi privata mill-kreatura tagħha. Apparti dana, jingħad ukoll li min jiddelega lil ħadd ieħor l-eżerċizzju ta' dritt tiegħu, għandu l-jedd jirrevoka dik id-delegazzjoni, salvi u integri d-drittijiet tal-persuna delegata għal dak li tkun għamlet mal-minuri sakemm kienet taħt il-kustodja tagħha;

Illi, ammess "gratia argumenti" li l-attriċi żbaljat, bl-*iżbalji tagħha kollha l-attriċi ma tidherx li timmerita san*-zjoni hekk ħarxa bħal ma hija l-perdita ta' bintha bl-allonament tagħha minn dawn il-Gżejjer. Lanqas il-vantaġġi materjali li tista' per mezz tal-konvenuti takkwista t-tifla in kwistjoni ma jistgħux jaqilbu l-perikolu morali li tista' ssofri l-istess tifla 'l bogħod mill-pajjiż natali tagħha;

Illi, fil-ħsieb tal-Qorti, kwindi, l-attriċi għandha dritt tiegħu lura lil bintha naturali;

Ikkunsidrat;

*Illi ntqal li* l-proposta *ta'* l-attriċi *li* t-tifla *in* kwistjoni titqiegħed fl-Istitut "Ġesù Nazzarenu" taż-Żejtun, pajjiż ta'

l-attrići, juri li l-attrići ma tridx lil bintha; kif ukoll ġie affermat li fil-fatt l-Istituti ma jistgħux jagħmlu flok il-familja, u kwindi t-tifla in kwistjoni sejra ssofri żvantaġġ. Dawn iż-żewġ sottomissjonijiet, però, ma jidhrux tali li jħassru l-ħsieb tal-Qorti fuq dikjarat; l-għaliex dina l-Qorti tista' dejjem tassenja għall-aħjar vantaġġ tal-minuri l-post fejn għandu jinżamm; u f'dan il-każ il-proposta attrići, taħt iċ-ċirkustanzi, tidher ġustifikata. Dwar it-tieni sottomissjoni jingħad, imbagħad, illi skond il-psikoloġi huwa minnu "that the best pattern of life for a child is the natural one in a home with a father and mother of its own, for they dislike any institution, however small and happily run", eppure fin-nuqqas ta' dar proprja ("a home") tal-ġenitur li jkun irrikonoxxa t-tarbija illeġittima, l-aħjar ambjent għall-għajxien tagħha huwa istitut bħal dak propost, fejn hija tista' ssib fi ħdan is-Sorijiet dik l-imħabba tant meħtieġa għat-trobbija taż-żgħar, u fejn ommha, li ma tistax iżżommha għal issa, tkun tista' tmur bla diffikultajiet taraha u tħares it-trobbija u l-edukazzjoni tagħha skond il-kondizzjoni ta' l-istess omm. Del resto, anki l-konvenuti bi ħsiebhom jibgħatu t-tifla f'istitut;

Illi kwindi, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, it-tarbija għandha tiġi kunsinnata fl-Istitut fuq imsemmi;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba attrići u tikkundanna lill-konvenuti jikkunsinnaw it-tifla Teresa Mizzi lill-attrići fi żmien 24 siegħa; sabiex l-attrići tikkunsinnaha immedjatament fl-Istitut "Gesù Nazzareno" taż-Żejtun, kif minnha ġie propost u qiegħed jiġi hawn ordnat; bil-fakoltà lill-attrići, fil-każ ta' bżonn, li tipproċedi għall-eżekuzzjoni tas-sentenza skond l-art. 220 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 15, bl-assistenza tal-Marixxall;

L-ispejjeż li ma ġewx deċiżi, minħabba l-meritu, jibqgħu bla taxxa; dritt tar-Reġistru għall-konvenuti.